MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 35/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Ersilia sive Alison Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ersilia sive Alison Gauci talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Settembru 1996, u matul l-ahhar xhur qabel dina d-data:

1) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma

kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga;

2) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

3) Kellha wkoll fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

4) Saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Gunju 1996.

Il-Qorti giet mitluba sabiex l-imsemmija Ersilia sive Alison Gauci thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Frar 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artrikoli 17(h), 18, 49 u 50 tal-Kap. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(1)(b)(i), 22(1B) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 101, ma sabitx lill-imsemmija Ersilia sive Alison Gauci hatja tar-raba' imputazzjoni u minnha lliberatha izda sabitha hatja ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra taghha, u kkundannatha ghal sitt xhur prigunerija u mitejn liri Maltin (Lm200) li tista' tithallas b'rati mensili ta' ghaxar liri fix-xahar bl-ewwel hlas isir fi zmien erba' gimghat mid-data ta' dik is-sentenza, filwaqt illi ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9 minhabba li ma tqabbdu ebda esperti fil-mori tal-proceduri u ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti li ghandu jaghmel process verbal fiz-zmien moghti mil-ligi;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Ersilia sive Alison Gauci pprezentat fit-22 ta' Frar 2006 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha fejn sabitha hatja ta' pussess ta' eroina u kokaina, u cioe` t-tieni u t-tielet akkuza, tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha dwar ir-raba' imputazzjoni, u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitha hatja ta' l-ewwel imputazzjoni, u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena fir-rigward taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti naqset milli tivvaluta c-cirkostanzi tal-kaz fil-

parametri ta’ dak li trid il-ligi; (2) id-dikjarazzjoni maghmula minnha lill-Pulizija ma kinitx wahda volontarja u hija kienet kostretta tagixxi skond dak li tipprospetta l-ligi fl-artikolu 33(b) tal-Kap. 9. In sostenn ta’ dawn iz-zewg aggravji, id-difiza pprezentat is-segwenti retroxena tal-personalita` ta’ l-appellanti fil-mument li tieghu hija tinsab akkuzata:

*“a. L-appellanti kellha trobbija difficli hafna. Hi kienet soggetta ghal missier sakranazz, laghab u brutali. Kien hekk ma’ ommha. Kien hekk ma’ bintu. It-tnejn kellhom isibu rifugju minn din it-tirannija, l-ewwel l-omm u aktar tard l-appellanti f’Dar Merhba Bik.*

*b. Il-hsara fuq mohh l-appellanti kien akbar meta ommha marret Dar Merhba Bik u hi baqghet fid-dar ta’ missierha mwerwra u msawta minnu. Il-frakass mentali fuq din it-tifla ta’ sbatax-il sena kien tali li spiccat rikoverata fi sptar tal-mohh, Monte Carmeli. Tali frakass gabha f’kuntatt mad-droga u dipendenza mnnha.*

*c. F’dan il-kuntest dahal f’hajjitha Anthony Zerafa, ragel matur, aktar minn ghaxar snin ikbar minnha, waqt li hi kellha biss ghoxrin sena, hierga mit-tbatija fuq indikata.*

*d. Dan Anthony Zerafa, kif irrizulta mix-xhieda, kif ukoll mir-rapport tal-Welfare Officer kien ghamel minn l-appellanti, persuna mbezza’ minnu, maqtugha minn kulhadd, imsawta b’regolarita` u mdahhla f’dipendenza ta’ droga biex fi kliem ta’ l-istess Welfare Officer, tigi ‘manipulata’ minnu. Huwa l-kaz klassiku ta’ persuna b’passat sfortunat, bi stat mentali prekarju, ridotta ghal stat ta’ skjavitu`.*

*e. Bir-rispett kollu, dan l-istat kumulattiv ta’ l-appellanti, ma giex valorizzat minn l-Ewwel Qorti. Ghalkemm hemm mumenti fl-istruttura tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti pruvat tifhem l-istat li fih kienet tinsab fih ghaxar snin ilu l-appellanti, ma dahlitx fl-istat emotiv u psikiku veru ta’ kif persuna b’effett kumulattiv ta’ swat, ta’ droga, ta’ dipendenza fuq persuna wahda, taht kostrizzjoni mentali fl-eta’ hekk tenera ta’ ghoxrin sena, ghal tfajla li giet mgeghla titlef kull sens ta’ zghozija taghha, inholqilha*

*psikosi ta' skjavitu` mentali u reali li tnehhitilha l-veru liberta` tal-volonta` morali taghha."*

Dwar id-dikjarazzjoni taghha lill-Pulizija, l-appellanti tghid illi l-volontarjeta` ta' dik id-dikjarazzjoni ma gietx attakkata ghax kien hemm xi theddid mill-Pulizija izda ghax il-persuna li kellu axxendent assolut ghar-ragunijiet imsemmija kien qallha biex taghmel din id-dikjarazzjoni ghax kien ga` rranga mal-Pulizija. L-imsemmija dikjarazzjoni saret meta l-appellanti ngabet mill-isptar fejn kienet rikoverata minhabba tqala u fejn f'okkazjoni kien ghamel xenata kbira l-istess Anthony Zerafa. Hija mbaghad tkompli tghid hekk fir-rikors ta' appell taghha:

*"Illi b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 33(b), l-esponenti uriet hafna 'l hemm minn bazi ta' prova l-istat ta' skjavitu` mentali li fiha giet ridotta minn dan Anthony Zerafa. Huwa f'<u>dan</u> il-kuntest li l-kaz Woolmington vs DPP huwa applikabbli. Kif gie aktar tard ukoll ritenut fil-kaz Sweet vs Parsley 1969 House of Lords: 'What Woolmington's case did decide is that where there is any such evidence the jury, after considering it and also any other relevant evidence called by the prosecution on the issue of the existence on the alleged mistaken belief (fil-kaz taghna coercion) should acquit the accused <u>unless they feel sure that he did not hold the belief or that there were no reasonable grounds on which he could have done so.</u>' Ara f'dan il-kuntest Archbold, 43rd Edition, Kap. 17-6.*

*Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti, m'analizzatx bizzejjed il-kazijiet Raymond Flatley et per DeGaetano J. res 7 Nov 02, fejn il-kelma forza barranija irresistibbli giet spjegata bhala 'kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluz in-natura tat-theddid u l-persuna ta' l-agent attiv u ta' l-agent passiv.' F'dan il-kuntest l-Ewwel Onorabbli Qorti ma analizzatx il-persuna ta' l-agent passiv, persuna li giet soggetta ghar-rieda barranija debilitate bid-droga, imbezza' mill-forza fisika u kostretta ghad-dipendenza f'kull sens mill-agent attiv li tieghu spiccat sturment. Ara f'dan il-kuntest ir-rapport ta' Michelle Sultana ufficjal tal-probation fejn jinghad mhux biss li 'l-*

*imgieba taghha irrizultat li ma kinitx ghal kollox tiddependi mill-volonta` taghha', izda ukoll lid an Anthony Zerafa 'kien izommha dipendenti fuqu f'diversi sensi u b'diversi mezzi. Dan sabiex ikun jista' jimmanipulaha kif kien jidhirlu hu fl-ahjar interess tieghu.'*

*Hu f'dan il-kuntest ukoll li l-awtoritajiet ghandhom jigu citati b'rilevanza.*

*'… Those who commit an offence in subjection to the power of others and not as a result of an uncontrolled free action proceeding from themselves are protected from the punishment of law'. Lord Goddard CJ R vs Lobell.*

*Anke l-element ta' soggettivita` gie, bir-rispett kollu, mhux indikat mill-Ewwel Qorti. Ara f'dan il-kuntest Thomson vs HM Advocate (1983) fejn Lord Hunter qal ' that the will and resolution of the accused must have been overborne by threats which he believed would be carried out so that he was not at the material time acting of his own free will.'"*

M'hemmx dubju li l-ewwel Qorti studjat b'mod dettaljat u approfondit hafna ic-cirkostanzi li hemm f'dan il-kaz u enuncjat b'mod tajjeb hafna r-rekwiziti mehtiega sabiex tirnexxi din il-linja ta' difiza u rat jekk ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jinkwadrawx ruhhom f'dawn ir-rekwiziti u waslet sabiex issib htija fl-appellanti anke dwar l-ewwel imputazzjoni.

Il-linja difensjonali sollevata mid-difiza hi dik tat-teorija tal-koerzjoni, jigifieri, li wiehed ikun sforzat, jigi mgieghel, biex jaghmel xi haga kontra l-volonta` tieghu, li, altrimenti jew normalment ma kienx jaghmel. Il-ligi taghna fl-artikolu 33(b) tal-Kap. 9, issejjah din il-koerzjoni bhala "forza barranija", jigifieri trid tkun xi haga, forza jew koerzjoni gejja minn haddiehor kompletament indipendenti minn min jaghmel l-att materjali, minn min qed issirlu dik il-forza fuqu. Trid tkun forza, mela, li certament u necessarjament ghandha tkun prezenti fil-waqt li din il-vittma ta' dik il-forza tkun qed taghmel xi att materjali, xi delitt, u mhux gejja minn xi zmien qabel biss.

Fil-kaz in ezami m'hemm ebda kontestazzjoni li tassew l-appellanti kkommettiet l-atti materjali ta' traffikar, l-ewwel imputazzjoni li nstabet hatja taghha. Li qed tikkontesta hu li f'dak li ghamlet, u fil-mument li ghamlithom, kien nieqes fiha l-element intenzjonali u allura ma setghetx tinsab hatja. L-appellanti qed tghid li ma kellhiex l-intenzjoni kriminuza ghaliex skond il-ligi, in bazi ta' l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ic-cirkostanza msemmija tal-forza barranija telimina ghal kollox din l-intenzjoni. U b'hekk ma kellha ebda responsabilita` kriminali.

Issa, jekk bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista' jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-artikolu 33(b) ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe`, jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita` li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwelnett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita`. Jekk ma jaghmilx hekk u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita` kriminali tieghu ma tkunx eskluza u l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ma japplikax.

Din il-kwistjoni ta' koerzjoni mela hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta' fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika, imqar sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setax, fic-cirkosanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe` ma kellux alternattiva ohra kif jista' jehles minn dik il-forza barranija.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migjuba u ezaminat b'mod partikolari s-*social inquiry report* li kien thejja mill-ufficjal tal-*probation* Michelle Sultana u liema rapport fil-fehma ta' din il-Qorti

kellha tinghata aktar importanza mill-ewwel Qorti. F'dan ir-rapport naqraw hekk:

*"Fid-dawl ta' l-informazzjoni migbura f'dan ir-rapport, jinhass li c-cirkostanzi ta' Alison Gauci fil-perijodu meta allegatament twettqu r-reati … kienu tali li l-imgieba taghha rrizultat li ma kenitx ghal kollox tiddependi mill-volonta` taghha. Jidher ukoll li s-sieheb taghha Anthony Zerafa ma' min kienet tghix fiz-zmien in kwistjoni … kien izommha dipendenti fuqu f'diversi sensi u b'diversi mezzi. Dan sabiex ikun jista' jimmanipulaha kif kien jidhirlu hu fl-ahjar interess tieghu."*

Jirrizulta li t-trobbija ta' l-appellanti kienet wahda infelici u anke kiefra minhabba, fost ohrajn, is-swat ta' missierha. Bdiet tabbuza mill-eroina meta kienet ghadha taht l-eta` u meta kellha relazzjoni ma' Anthony Zerafa hija kienet dipendenti mid-droga. Mill-istess rapport jirrizulta dak kollu li dan Zerafa kien jaghmel biex izomm lill-appellanti marbuta mieghu u dipendenti fuqu, fosthom billi jimpediha milli tmur ghall-kura fis-*Substance Misuse Unit* fi G'Mangia, kif ukoll li jghaddilha d-droga meta jiftillu hu minkejja li kien jaraha tbati minhabba l-*cravings* u l-*withdrawal symptoms*, u anke jerfa' jdejh fuqha u jheddidha sabiex igieghlha taghmel dak li jrid hu. Il-biza' stess li l-appellanti tghid li kellha minn Anthony Zerafa, kien izommha marbuta mieghu.

Ir-rapport aggornat li sar mis-*Senior Probation Officer* Mariella Camilleri wkoll jghid illi l-mod kif l-appellanti rrakkontat fuq il-hajja taghha *"juri li hija kellha hajja problematika ma' Anthony Zerafa kkaratterizzata minn abbuz fiziku u psikologiku"*.

Huwa ghalhekk evidenti li l-imsemmi Anthony Zerafa sfrutta l-immaturita` ta' l-appellanti, in-nuqqas li kellha ta' affett patern u d-dipendenza taghha mid-droga sabiex ikollu dominanza assoluta fuq l-appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dik id-dominanza hanqet il-liberu arbitrju taghha, kienet dominanza li hija f'dawk ic-cirkostanzi partikolarissimi ma setghetx facilment tirrezisti. Il-volontarjeta` ta' l-istqarrija mbaghad ma tistax tigi

ekwiparata mal-volontarjeta` ta’ l-atti materjali li hija wettqet.

Konsegwentement din il-Qorti temmen li d-difiza ghandha ragun dwar l-applikabilita` ta’ l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 tiddikjaraha mhux hatja ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberaha, tirrevoka s-sentenza appellata wkoll in kwantu kkundannat lill-appellanti ghal sitt xhur prigunerija u multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200) pagabbli b’rati mensili ta’ ghaxar liri (Lm10) fix-xahar u minflok tqieghdha taht *probation* a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness. Din il-Qorti fissret lill-appellanti a tenur tas-subartikolu (7) ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446, bi kliem li hija tifhem, l-effett ta’ l-ordni inkluza kull htiega addizzjonali, u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruhha ma’ l-ordni jew taghmel xi reat iehor, hija tista’ tinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------